Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,460, 27 ta' Ġunju, 2025

Taqsima B

A.L. 110 tal-2025

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 601.03.

Jemenda l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita "Aġenzija dwar il-Governanza ta' Bijoriżorsi Agrikoli" tagħha għandha tiġi mħassra;

(b) minnufih wara l-partita "Aġenzija Malta-EU Steering and Action Committee" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Aġenzija Malta Food";

(ċ) minnufih wara l-partita "Direttorat għas-Servizzi (Għawdex)" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali";

(d) il-partita "Pitkalija Ltd" tagħha għandha tiġi mħassra;

(e) minnufih wara l-partita "Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"Riżorsi Agrikoli Malta

Riżorsi Akkwatiċi Malta";

(f) minnufih wara l-partita "SportMalta" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"Sptar Ġenerali ta' Għawdex

Sptar Mater Dei".

Jemenda l-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita "Ministeru għas-Saħħa/ Uffiċċju tas-Segretarji Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Awtorità dwar il-Mediċini";

(b) minnufih wara l-partita "Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi" tagħha għandhom jiġi miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"Sptar Ġenerali ta' Għawdex

Sptar Mater Dei".

Jemenda l-Iskeda 16 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. L-Iskeda 16 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita "Aġenzija dwar il-Governanza ta' Bijoriżorsi Agrikoli" tagħha għandha tiġi mħassra;

(b) minnufih wara l-partita "Aġenzija Malta-EU Steering and Action Committee" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Aġenzija Malta Food";

(ċ) il-partita "Awtorità dwar il-Mediċini" tagħha għandha tiġi mħassra;

(d) minnufih wara l-partita "Direttorat għas-Servizzi (Għawdex)" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali";

(e) il-partita "Pitkalija Ltd" tagħha għandha tiġi mħassra;

(f) minnufih wara l-partita "Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"Riżorsi Agrikoli Malta

Riżorsi Akkwatiċi Malta".